# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tal-Erbgħa, 12 ta' Ġunju 2019**

**Talba Numru 493/2017SFJ**

***E' Casa Limited (C46573)***
***vs.***
***Sacha Said (218070M)***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fid-25 ta' Ottubru 2017 li fih ġie premess is-segwenti:

- Is-soċjetà attriċi biegħet lill-konvenut diversi biċċiet ta' għamara fis-sena 2015. Il-konvenut naqas li jħallas il-bilanċ dovut lis-soċjetà attriċi, liema bilanċ jammonta għal tlett elef Ewro (€3,000.00) nonostante diversi interpellazzjonijiet;

- Is-soċjetà attriċi ippreżentat ittra uffiċjali (166A) datata 31 ta' Awwissu 2017 (numru 2055/2017) u kontestwalment mal-istess ittra talbet il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju (1647/2017) sabiex tissalvagwardja drittijietha. Għalkemm il-mandat ta' sekwestru ġie akkordat fl-1 ta' Settembru 2017, il-konvenut ma setax jiġi innotifikat u għalhekk kellha tinfetaħ din il-kawża; u

- Għaldaqstant, is-soċjetà attriċi qed titlob lil dan it-Tribunal sabiex jordna lill-konvenut iħallas is-somma ta' **tlett elef Ewro (€3,000.00)** kif ukoll l-ispejjeż tal-ittra uffiċjali (166A) datata 31 ta' Awwissu 2017 (numru 2055/2017) u l-ispejjeż tal- mandat ta' sekwestru kawtelatorju (1647/2017), u dan bl-imgħax kummerċjali mid-data tal-preżentata tal-ittra uffiċjali (166A).

Rat li skont ir-riferti datati 16 ta' Jannar 2018, il-konvenut ġie innotifikat permezz tal-proċedura tal-affissjoni. Il-konvenut ġie wkoll innotifikat permezz tal-proċedura tal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern kif jidher minn estratt tal-istess Gazzetta tal-Gvern (a fol. 12) datata 16 ta' Jannar 2018.

Ra r-Risposta tas-soċjetà konvenuta ippreżentata fl-24 ta' Jannar 2018 li permezz tagħha l-konvenut ressaq is-segwenti eċċezzjonijiet:

- Preliminarjament illi l-azzjoni attriċi hija bbażata fuq bejgħ bl-imnut li sar fis-sena 2015, kif ammess fl-Avviż tat-Talba, u għalhekk l-azzjoni attriċi hija preskritta skont l-Art. 2148 tal-Kodiċi Ċivili;

- Preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost illi kien il-konvenut li għażel u xtara l-għamara fiżikament minn stabbiliment fi Sqallija u f'ebda mument ma qabbad lis-soċjetà attriċi u għalhekk m'hemm ebda relazzjoni ġuridika bejn il-partijiet u s-soċjetà attriċi m'hix il-leġittima attriċi;

- Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u fil-mertu, il-ħlas mitlub mis-soċjetà attriċi mhux dovut stante li l-konvenut qatt ma xtara għamara mingħandha u fi kwalunkwe każ, l-ammonti kollha dovuti tħallsu lis-soċjetà estera Gruppo Inventa;

- Illi l-għamara in kwistjoni ma ġietx fornita skont il-kwalità mwiegħda. Meta sar il-bejgħ relattiv, li jirrigwarda għamara għal kamra tas-sodda, xi oġġetti minn din l-għamara ġew ikkonsenjati bil-kulur żbaljat u għalhekk kien sar ftehim li l-għamara tinżamm għand il-konvenut sakemm tiġi ikkonsenjata l-għamara skont il-kulur ordnat u li l-konvenut kellu jżomm tlett elef Ewro (€3,000.00) mill-pagament totali ta' għaxart elef Ewro (€10,000.00) bħala garanzija sakemm l-għamara terġa' tiġi ikkonsenjata lilu kif ordnata;

- Illi meta l-għamara ġiet ikkonsenjata lilu għat-tieni darba, reġgħet ġiet ikkonsenjata b'lewn żbaljat u għalhekk, il-konvenut baqa' u għadu jinsisti li l-għamara tkun fornita lilu bil-lewn korrett;

- Illi l-għamara qatt ma ġiet fornita lill-konvenut skont il-kulur ordnat;

- Illi l-ewwel darba li l-konvenut irċieva xi forma ta' interpellazzjoni kienet permezz tal-proċedura tal-affissjoni relattivament għal din l-azzjoni; u

- Illi għalhekk, it-talbiet kollha tas-soċjetà attriċi għandhom jiġi respinti bl-ispejjeż kontra tagħha stante li huma inveritieri u infondati fil-fatt u fid-dritt.

- Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri skont il-liġi.

Sema x-xhieda kollha, qara d-dokumentazzjoni kollha ippreżentata, sema' t-trattazzjoni finali li saret tul is-seduta tad-29 ta' April 2019 u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għat-12 ta' Ġunju 2019.

**<u>Il-provi prodotti</u>**

Fis-seduta tat-2 ta' Mejju 2018 xehdet **Liana Borg** bil-lingwa Maltija u taħt ġurament (a fol. 20 sa 22). In eżami, hija xehdet hekk:

- Borg ilha direttur tas-soċjetà attriċi mis-sena 2008. Is-soċjetà attriċi tbigħ l-għamara iżda m'għandhiex *showroom*. Minflok, hija topera minn uffiċċju. Fiż-żmien meta seħħ dak li ta lok għal din il-kawża, l-uffiċju kien il-Mellieħa u llum qiegħed l-Imrieħel.

- Is-soċjetà attriċi għandha arranġament ma' Gruppo Inventa ta' Pozzallo (fl-Italja). Dan l-arranġament jikkonsisti f'li meta jmorru klijenti fl-uffiċċju tas-soċjetà attriċi, din tibgħathom jaraw l-għamara fix-*showroom* ta' Gruppo Inventa. Jekk il-klijent jiddeċiedi li jixtri l-għamara mingħand is-soċjetà attriċi, is-soċjetà attriċi mbagħad tordna l-għamara mingħand Gruppo Inventa u din tibgħat l-għamara Malta u s-soċjetà attriċi mbagħad tikkonsenjaha lill-klijent. Dan kien preċiżament l-arranġament tal-konvenut.

- Meta murija d-dokument "MG2", Borg ikkonfermat li dan kien it-tip ta' kuntratt li jkun iffirmat relattivament għall-arranġament deskritt preċedentement fix-xhieda tagħha. Bħala proċedura, il-klijent jiffirma dak il-kuntratt u jħallas depożitu. Id-dokument ikun iffirmat ukoll minn rappreżentant tas-soċjetà attriċi.

- Fuq domanda tat-Tribunal, Borg xehdet li Gruppo Inventa huwa fornitur tas-soċjetà attriċi iżda s-soċjetà attriċi m'hix aġent ta' din id-ditta jew soċjetà estera. Il-kuntratt relattivament għal din l-azzjoni huwa datat 2 ta' Ġunju 2015 u jidentifika l-għamara li tkun ser tiġi mibjugħa lill-klijent (f'dan il-każ, lill-konvenut). Hemm ukoll *codes* li jindikaw il-kulur tal-għamara, il-firma tal-konvenut u indikazzjoni tad-data meta l-għamara għandha tkun ikkonsenjata.

- Dwar il-*codes* tal-kuluri, Borg xehdet li dakinhar li l-konvenut mar għandhom u għamel l-ordni, is-soċjetà attriċi wrietu *samples* ta' kuluri fuq drapp. Kull kulur *sample* ikollu *code* u s-soċjetà attriċi niżżlet il-*codes* tal-kuluri li għażel il-konvenut. Il-kuntratt ġie ffirmat fl-uffiċċju tas-soċjetà attriċi f'Pozzallo, liema uffiċċju huwa f'binja ta' Gruppo Inventa. Il-prezz totali tal-għamara ordnata mill-konvenut kien għaxart elef u sitt mitt Ewro (€10,600.00) u l-konvenut ħallas depożitu ta' elfejn u sitt mitt Ewro (€2,600.00). Meta l-għamara ġiet ikkonsenjata, il-konvenut ħallas tlett elef Ewro (€3,000.00) u sussegwentement, għamel pagament ta' elfejn Ewro (€2,000.00).

- Il-konvenut ikkontesta d-differenza tal-prezz għax ikkontesta l-kulur tal-*headboard* tas-sodda u l-kulur tal-*pouffe*. Il-konvenut kien fadallu jħallas tlett elef Ewro (€3,000.00). Borg xehdet li huma kienu wrewh is-*sample* li kien għażel hu stess iżda hu qal li dak ma kienx il-kulur li kien ried. Eventwalment, reġgħu wrewħ is-*samples* għax insista li ried kulur iktar skur u tawh l-opportunità li jagħżel mis-*samples* il-kulur li ried biex tinbidel il-*headboard* u anki l-*pouffe*. F'Jannar 2016, is-soċjetà attriċi ħadet lura l-*headboard* u l-*pouffe* li ma riedx u minflok, tawh *headboard* u *pouffe* ġodda tal-kulur li hu għażel.

- Irriżulta iżda li wara li l-*headboard* u l-*pouffe* ġodda ġew installati, il-konvenut reġa' qalilhom li ma kienx il-kulur li ried. Dan it-tieni sett baqa' għand il-konvenut. Is-soċjetà attriċi offrietlu li tieħu lura l-oġġetti u hu jżomm it-tlett elef li kellu jagħtihom, iżda hu ma riedx. Għalhekk, hu żamm l-oġġetti u ma ħallasx.

- Is-soċjetà attriċi għamlet diversi tentattivi għal soluzzjoni, fosthom diversi *e-mails* u telefonati. Mar ukoll Emanuele Lemmolo fid-dar tal-konvenut sabiex jipprova jsib soluzzjoni iżda ebda soluzzjoni ma nstabet. Fil-frattemp, il-konvenut baqa' jżomm l-oġġetti u baqa' ma ħallasx.

In kontro-eżami, Borg xehdet hekk:

- Il-konvenut qatt ma żar l-uffiċċju tas-soċjetà attriċi fil-Mellieħa iżda mar direttament għand Gruppo Inventa f'Pozzallo. Ma kienx tkellem mas-soċjetà attriċi qabel ma' mar Sqallija. Is-soċjetà attriċi m'għandhiex uffiċċju fi Sqallija iżda jkollha rappreżentanti tagħha fil-binja ta' Gruppo Inventa. Ir-rappreżentanti huma mħallsin mis-soċjetà attriċi u l-identifikazzjoni tas-soċjetà attriċi toħroġ mill-

kuntratt iffirmat mill-konvenut. Fil-fatt, il-konvenut ingħata numri tat-telefon Maltin u f'Malta, jikkuntattja lis-soċjetà attriċi. Il-ħlas isir ukoll lis-soċjetà attriċi.

- Ir-rappreżentanti tas-soċjetà attriċi jmorru l-port jistennew lill-klijenti biex jiġbruhom, jagħmlu ġurnata magħhom, saħansitra joħduhom jieklu u joħduhom fil-binja ta' Gruppo Inventa. Ir-rappreżentanti tas-soċjetà attriċi f'Pozzallo jkunu preżenti meta s-soċjetà attriċi tkun taf li telgħin klijenti Maltin.

- It-tlett elef Ewro (€3,000.00) jeċċedu l-prezz tal-*headboard* u l-*pouffe*.

- Mistoqsija jekk is-soċjetà attriċi offrietx li tieħu lura l-għamara kollha u tirrifondi l-ħlasijiet kollha li l-konvenut kien għamel sa dakinhar, Borg wieġbet fin-negattiv u żiedet li l-kwistjoni kienet tirrigwarda biss il-*headboard* u l-*pouffe*.

Fit-2 ta' Mejju 2018, is-soċjetà attriċi ippreżentat l-affidavit tax-xhud **Emanuele Iemmolo** (a fol. 25 u 26). Taħt ġurament u bil-lingwa Ingliża, huwa xehed hekk:

- Il-konvenut xtara għamara li tikkonsisti f'disa' (9) biċċiet mingħand is-soċjetà attriċi. Hu xtraha wara li għażel mill-għamara li kienet għall-wiri fix-*showroom* ta' Gruppo Inventa f'Pozzallo. Il-kuntratt tal-bejgħ huwa datat 2 ta' Ġunju 2015 u sar bejn is-soċjetà attriċi u l-konvenut.

- Il-prezz totali maqbul bejn il-partijiet kien ta' għaxart elef u sitt mitt Ewro (€10,600.00) u l-konvenut ħallas depożitu ta' elfejn u sitt mitt Ewro (€2,600.00) hekk kif għamel l-ordni. Fit-28 ta' Lulju 2015 huwa ħallas tlett elef Ewro (€3,000.00) u fil-31 ta' Lulju 2015 huwa ħallas elfejn Ewro (€2,000.00). Il-ħlasijiet li saru f'dawk id-dati saru meta l-gwardarobba ġiet ikkonsenjata u installata bejn it-28 ta' Lulju u l-31 ta' Lulju 2015. Il-konvenut infurmahom li kien ser iħallas il-bilanċ ladarba s-sodda titbiddel. Madankollu, il-bilanċ ta' tlett elef Ewro (€3,000.00) qatt ma tħallas.

- Wara li saret id-*delivery* mis-soċjetà attriċi, il-konvenut ilmenta li s-sodda u l-*pouffe* ma kinux tal-kulur li huwa ordna, jiġifieri kulur qrib il-kannella bil-kodiċi "*LINARA 02*". B'riżultat ta' dan, is-soċjetà attriċi ikkuntattjat lil Gruppo Inventa u wara, offriet li tbiddillu s-sodda u l-*pouffe* wara li wrietu s-*samples*. Hu għażel il-kulur għal darb' oħra u s-sodda u l-*pouffe* ġew ri-ordnati filwaqt li hu żamm dawk oriġinarjament ikkonsenjati. Meta waslu l-sodda u l-*pouffe* ġodda, is-soċjetà attriċi tatu dawn il-ġodda filwaqt li ħadet lura l-oħrajn. Dan sar fil-11 ta' Jannar 2016.

- Wara li l-konvenut ħalla lill-ħaddiema jinstallaw u jimmontaw is-sodda, huwa reġa' ilmenta li l-kulur ma kienx l-istess bħal dak li kien indika fl-ordni tiegħu. Fil-frattemp, huwa żamm is-sodda u l-*pouffe* u ma talabx lill-ħaddiema joħduhom lura.

- Għall-darb' oħra, Sara Catania, impjegata ta' Gruppo Inventa, avviċinat lill-manifattur u dan bagħat *samples* tad-drapp fi tlett kuluri, li huma "*LINARA 02*", "*LINARA 03*" u "*LINARA 04*", sabiex juri li l-produzzjoni kienet korretta u skont l-ordni tal-konvenut.

- Wara dan, is-soċjetà attriċi ipproponiet lill-konvenut li jekk hu ma kienx kuntent bis-sodda u l-*pouffe*, l-ordni tkun ikkanċellata u s-sodda u l-*pouffe* ikunu ritornati. Irriżulta li s-sodda u l-*pouffe* la ġew irritornati u lanqas sar ħlas għalihom.

- Iemmolo iddikjara li huwa ikkuntattja lill-konvenut personalment diversi drabi u anki mar fl-appartament tiegħu. Żied anki li kienet marret għandu Liliana Borg, waħda mid-diretturi tas-soċjetà attriċi.

Fis-seduta tal-4 ta' Lulju 2018 xehed **Francesco Calvo**, prodott mis-soċjetà attriċi. Bit-Taljan u taħt ġurament huwa xehed hekk (in eżami):

- Hu jaħdem mas-soċjetà attriċi bħala installatur tal-għamara u ilu jaħdem magħha tlett snin. Jiftakar li s-soċjetà attriċi kellha klijent jismu Sacha Said. Il-parti mix-xogħol li għamel Calvo kienet is-sostituzzjoni ta' parti mix-xogħol biex għalaq l-installazzjoni għand il-konvenut. Ix-xogħol relattiv sar f'tas-Sliema fis-sena 2016. Miegħu kien hemm impjegat ieħor tas-soċjetà attriċi. Ix-xogħol ta' sostituzzjoni kien ta' *headboard* ta' sodda u *pouffe*, ċioe *cushion* kbira fil-forma ta' banketta.

- Skont il-memorja ta' Calvo, il-problema li nqalgħet kienet stante l-kulur. Skont dak li seta' jiftakar Calvo, wara li għamlu s-sostituzzjoni, ċioe immedjatament wara, il-konvenut ma kienx ilmenta miegħu u mal-kollega tiegħu fuq dak li għamlu sostituzzjoni dwaru. Ma kienx jaf jekk sarx xi lment ma' ħaddieħor. Dak li neħħew mingħand il-konvenut ħaduh fil-maħżen tas-soċjetà attriċi fl-Imrieħel.

Fis-seduta tal-4 ta' Lulju 2018 xehed ukoll il-konvenut, **Sacha Said**, prodott mis-soċjetà attriċi. Bil-Malti u taħt ġurament, huwa xehed hekk:

- Relattivament għad-dokument a fol. 27 tal-proċess, il-firma fil-parti ta' isfel fuq in-naħa tal-lemin tad-dokument hija l-firma tiegħu. Mingħand Gruppo Inventa f'Pozzallo, il-konvenut ordna kamra tas-sodda kompluta tal-kulur muri lilu meta kien għandhom f'Pozzallo. Miegħu kien hemm martu.

- Mistoqsi meta ffirma d-dokument, Said wieġeb li ma ftakarx iffirmax f'Settembru 2014 meta għamel l-ordni jew f'Ġunju jew Lulju tal-2015 meta ġiet il-konsenja. L-ammont ta' għaxart elef u sitt mitt Ewro (€10,600.00) indikat fid-dokument kien korrett. L-elfejn u sitt mitt Ewro (€2,600.00) tħallsu mill-konvenut lil Gruppo Inventa. Mill-bilanċ, huwa ħallas ħamest elef Ewro (€5,000.00) f'żewġ pagamenti maqsumin f'pagament qabel l-installazzjoni u pagament wara l-installazzjoni.

- Kien hemm kwistjoni dwar il-kulur tas-sodda u f'dan ir-rigward, Said qal li ra notament fuq id-dokument a fol. 27 li kien jgħid li kien hemm żball fil-kulur. Il-persuna li ġie jagħmillu l-installazzjoni kien hu stess li issuġġerixxa li li jibqa' bilanċ ta' tlett elef Ewro (€3,000.00) minħabba l-kwistjoni tal-kulur. Madankollu, Said ma setax jiftakar l-isem u l-kunjom ta' din il-persuna iżda ftakar li n-notament imsemmi fuq id-dokument a fol. 27 sar quddiemu. Dik il-kitba saret l-ewwel darba li l-ħaddiema ġew jagħmlu l-installazzjoni.

- Fuq domanda li saret minħabba l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, il-konvenut wieġeb li huwa kellu jagħti flus biss lis-soċjetà attriċi <u>jekk</u> il-kwistjoni tal-kulur tkun solvuta. Il-konvenut żied iżda li l-problema tal-kulur kienet għadha preżenti.

- Meta mistoqsi kif l-għamara tasal għandu minn Sqallija, ix-xhud qal li hu kien jaf biss li s-soċjetà attriċi kellha tagħmel l-installazzjoni. Kienet is-soċjetà attriċi li kellha tieħu ħsieb l-arranġamenti tat-trasportazzjoni. Meta mistoqsi għaliex ma ħallasx il-prezz kollu meta għamel l-ordni fi Sqallija, ix-xhud wieġeb li l-ftehim kien li jħallas depożitu ta' elfejn u sitt mitt Ewro (€2,600.00) mit-total ta' għaxart elef u sitt mitt Ewro (€10,600.00) li kien il-prezz tal-għamara tal-kamra tas-sodda installata f'daru. Hu ma kienx jaf minn fejn ġiet l-għamara tant li qal li setgħet diġà kienet f'Malta.

- Meta mistoqsi kif ra l-kulur meta għamel l-ordni u fuq suġġeriment tat-Tribunal jekk il-kulur qattx rah fuq xi karta jew *sample*, ix-xhud wieġeb li seta jiftakar żgur li kien mar fejn kien hemm ħafna għamara lesta. Hu kien ċert dwar il-kulur għax kien ra l-istess kulur fuq l-istess għamara tal-istess ditta għand id-ditta *Fino* f'Malta. Fuq domanda tat-Tribunal, ix-xhud iddeskriva l-kulur bħala bejn "*brown għal beige*". Hu stqarr li għamel l-ilment dwar il-kulur dak il-ħin stess tal-installazzjoni mal-persuna li kienet qed tagħmel l-installazzjoni. Dan kien ċempel u fuq it-telefon, ix-xhud kien kellem lil xi ħadd u ma setax jiftakar jekk dan id-diskors sarx bil-Malti jew bit-Taljan. Biss, ix-xhud qal li kien jaf żgur li kienu waslu għal ftehim li l-bilanċ ta' tlett elef Ewro (€3,000.00) jibqa' pendenti għax huma qalulu li kienu ser jikkoreġu l-iżball.

- Mistoqsi jekk bejn l-ewwel installazzjoni u s-sostituzzjoni huwa kellimx lil xi ħadd jew kienx ġie muri xi kampjuni sabiex isir aċċertament dwar il-kulur, ix-xhud wieġeb li ma ftakarx li ġie muri xi kampjuni iżda qal li forsi setgħu wrew xi kampjuni lil martu u hu ma kienx jaf. Hu qal li bejn l-ewwel installazzjoni u s-sostituzzjoni, la hu u lanqas martu ma marru Sqallija għand il-Gruppo Inventa. F'dak il-perjodu, ma kienx jiftakar jekk kellimx lil xi ħadd f'Malta u lanqas ftakar kienx preżenti għat-tieni installazzjoni, iżda qal li jekk ma kienx hemm hu, kien hemm martu.

- Fuq domanda tat-Tribunal jekk il-persuna li xehdet qablu (Francesco Calvo) kienx wieħed mill-installaturi fl-okkażjoni tas-sostituzzjoni, ix-xhud ma ftakarx. Lanqas ftakar jekk id-dokument a fol. 27 kienx iffirmat fi Sqallija jew dakinhar tal-ewwel installazzjoni f'Malta. Hu ippreżenta dokument immarkat "X1" li huwa kopja tad-dokument esebit a fol. 27 u jikkonsisti fi tlett paġni.

- Meta saret is-sostituzzjoni fit-tieni okkażjoni, il-kulur reġa' ma kienx kif ordnah hu. Fit-tieni darba, il-konvenut ma fdax lill-installaturi u fil-fatt, la ġiet installata s-sodda u lanqas il-*pouffe*. Kien hemm li huwa osserva li l-kulur reġa' ma kienx korrett. Il-konvenut hawn iċċara ruħu u qal li hu kien preżenti għat-tieni installazzjoni.

- Fuq domanda tat-Tribunal, ix-xhud xehed li hu ma reġax mar Sqallija għand Gruppo Inventa nonostante l-pendenza tal-kwistjoni. Hu baqa' jinsisti li l-bilanċ ta' tlett elef kien ser jagħtihulhom meta jirċievi l-għamara skont il-kulur li hu kien ordna. Ix-xhud irrefera għal-telefonati u *e-mails* u ikkonferma li l-*e-mail address* "<u>sacha@saidmalta.com</u>" kien tiegħu.

- Meta kien muri l-*e-mails* a fol. 34 sa 36 tal-proċess u partikolarment jekk jiftakarx dawn l-*e-mails*, huwa qal li kien irċieva dawk l-*e-mails* mingħand Gruppo Inventa u seta' jara li s-soċjetà attriċi kienet ikkupjata f'dawn l-*e-mails*. Fuq domanda tat-Tribunal, il-konvenut wieġeb li hu ma kienx jaf lil E' Casa Limited u dawn qatt ma ġew imsemmija lilu. Meta mistoqsi jekk qarax id-dokument a fol. 27 qabel iffirmah, il-konvenut wieġeb li hu ħares lejn il-figuri u ma jkun qara xejn iktar.

- B'referenza għall-*e-mail* a fol. 35, il-konvenut qal li din kien weġibha bit-telefon u qal li l-unika għażla li ngħata kienet li jew jirritorna s-sodda u l-*pouffe* jew inkella jikkanċellahom mill-ordni. Fil-fehma tal-konvenut, din ma kinitx verament għażla għax hu kien ordna kamra tas-sodda kompluta.

- B'referenza għall-*e-mail* a fol. 33 datata 18 ta' April 2016, il-konvenut xehed li l-kontenut ta' dik l-*e-mail* jirreferi għas-sodda li ġabulu fit-tieni okkażjoni. Meta hu ta struzzjonijiet biex jieħdu s-sodda lura Sqallija, is-sodda kienet għadha fil-vann u wieġeb b'dak il-mod għax kien qiegħed jittama li jagħtuh is-sodda u l-*pouffe* bil-kulur li għażel. Fil-preżent, la s-sodda u lanqas il-*pouffe* ma kienu

tal-lewn li ried u kienu ikkonsenjati lilu fl-ewwel okkażjoni mal-bqija tal-kamra tas-sodda li għadhom fl-istess kamra tal-appartament tiegħu. Hu qal li mill-ewwel installazzjoni 'l hawn, is-sodda u l-*pouffe* baqgħu fl-istess post.

- Mistoqsi x'azzjonijiet ħa f'dak iż-żien kollu biex jinġiebu l-oġġetti skont il-kulur li ordna hu, qal li kien jirċievi telefonati mingħand numru ta' persuni li aktarx kienu jaħdmu mal-Gruppo Inventa li ppruvaw jikkonvinċuh dwar il-kulur iżda hu qal li kieku ried dak il-kulur kien jagħżel lilu. Persuna oħra beda jagħtih x'jifhem li ried jinnegozja biex fl-aħħar mill-aħħar, il-konvenut iżomm dak li ngħatalu. Dawn il-komunikazzjonijiet waqfu qrib id-data tal-konsenja u l-konvenut m'għamel xejn aktar.

- Il-konvenut ammetta li kien fadallu jħallas tlett elef Ewro iżda qal li dan l-ammont kien dovut lil Gruppo Inventa, liema ammont kien lest iħallas meta tissolva l-kwistjoni tal-kulur. Hu qal li l-unika riċevuta li kellu għall-ħlasijiet li għamel kienet fuq id-dokument "X1" li ippreżenta. Meta kien mistoqsi jiftakarx l-isem "Emanuele Iemmolo", huwa wieġeb li ma kienx jiftakar il-kunjom iżda ma kienx ċert dwar l-isem. Kien possibbli li kien hemm telefonati ma' persuna b'dak l-isem iżda ma setax jiftakar.

Fis-seduta tal-31 ta' Ottubru 2018 xehdet **Sara Catania**, prodotta in eżami mis-soċjetà attriċi. Bil-lingwa Taljana u taħt ġurament, hija xehdet hekk:

- Hi ilha taħdem ma' Gruppo Inventa madwar disa' (9) snin fil-qasam loġistiku fil-kwartieri tal-kumpanija f'Pozzallo. Għalkemm għall-ewwel kienet tissuplixxi lis-soċjetà attriċi, eventwalment bdiet topera f'Malta hi stess. F'Pozzallo kellhom uffiċċju riżervat għal min jaħdem mas-soċjetà attriċi.

- Gruppo Inventa kien ibigħ l-għamara u diversi Maltin marru Pozzallo u xtraw mingħand is-soċjetà attriċi. Kemm-il darba l-klijent ikun Malti, il-kuntratt isir bejnu u bejn is-soċjetà attriċi. Hi qatt ma ltaqgħet mal-konvenut iżda kienet taf li kien hemm kwistjoni dwar xi prodotti li kien xtara mis-soċjetà attriċi. Hija kellmet lill-konvenut permezz tal-*e-mail*.

- Id-dokument a fol. 27 kien wieħed li solitament isir bejn is-soċjetà attriċi u klijenti Maltin. Hi kienet tiftakar dak il-kuntratt partikolari għax kienu saru referenzi għalih meta bdiet il-kwistjoni mal-konvenut.

- Hi rat id-dokumenti a fol. 31 sa 44 tal-proċess u qalet li din kienet korrispondenza elettronika bejnha, il-konvenut u indirizz ieħor tas-soċjetà attriċi. Ir-rwol tagħha kien li tkun medjatur, jew *go-between* bejn Gruppo Inventa, is-soċjetà attriċi u l-konvenut meta dan tal-aħħar beda l-kwistjoni dwar il-kuluri.

- Hi ivverifikat personalment li l-kodiċi tal-kulur li ordna l-konvenut kienet tikkorrispondi mal-kodiċi wżata mis-soċjetà attriċi meta din ordnat l-għamara mingħand Gruppo Inventa. Gruppo Inventa kienet tissuplixxi lis-soċjetà attriċi u s-soċjetà attriċi tat l-għamara tal-istess kodiċi lill-konvenut.

- Murija d-dokumentazzjoni a fol. 26 u a fol. 63, Catania qalet li l-konvenut ordna l-kulur "*Categoria A variazione 04*". Hija ivverifikat personalment li dak kien il-kulur li fil-fatt kien ordnat. Ix-xhud esebiet ukoll xi kampjuni.

- Catania ikkonfermat li l-kulur li ordna l-konvenut kien l-ikħal kif jidher a fol. 63 u a fol. 27.

- Is-soċjetà attriċi talbet l-involviment tax-xhud meta l-konvenut beda jinsisti li hu ordna xi tip ta' kannella u għalhekk, ix-xhud intalbet taċċerta l-kulur mitlub. Hija fehmet, tul il-komunikazzjoni tagħha mal-konvenut, li hu ried tessut differenti minn dak indikat fil-kuntratt u anki ta' lewn differenti.

- Sabiex taċċerta t-tessut u l-kulur li ried il-konvenut, hi fehmet li issa kienu qed jitkellmu fuq kategorija ta' drapp "*Linara*" u mhux "*Oasis*", u għalhekk "*Linara categoria C numero 2*". Dan kien il-kulur li għażel il-konvenut. Kampjun ta' dan ġie anness mad-dokument a fol. 27. Wara dan l-aċċertament, is-sodda u l-*pouffe* b'dan it-tessut u kulur intbagħtu Malta.

- Il-konsenja saret mis-soċjetà attriċi u eventwalment, hi saret taf li l-konvenut reġa' ilmenta u qal li l-kulur ma kienx l-istess. Catania kellmet lill-fornitur tagħhom u dan ikkonfermalha li l-kulur kien eżattament l-istess bħal tal-kampjun. L-unika varjazzjoni li seta' kien hemm kienet il-materja tat-tessut, iżda tali differenza kienet tkun minima għall-aħħar, saħansitra imperċepibbli. Hi saret taf li l-konvenut reġa' irrifjuta l-konsenja.

- Gruppo Inventa issuġġerew lis-soċjetà attriċi li l-konvenut seta' jirritorna l-affarjiet u ma jħallasx it-tlett elef Ewro jew iżommhom u jħallas il-bilanċ. Jekk jirritornahom, kellhom ikunu f'kundizzjoni tajba biex jerġgħu jinbiegħu. Il-konvenut ma rrispondiex meta Gruppo Inventa għamlulu din il-proposta bl-*e-mail*.

In kontro-eżami, Catania xehdet hekk:

- Hi ma kinitx taf jekk l-uffiċċju wżat mis-soċjetà attriċi f'Pozzallo kellux tabella b'isem is-soċjetà attriċi. Madankollu, kull uffiċċju ta' Gruppo Inventa kellu tabella bl-ismijiet tal-persuni li jaħdmu f'dak l-uffiċċju. Fl-uffiċċju tas-soċjetà attriċi kien hemm tlett persuni Taljani u l-uffiċċju kien fit-taqsima tal-bejgħ u mhux fit-taqsima tal-amministrazzjoni. Prattikament, is-soċjetà attriċi kienet tmexxi l-bejgħ tal-Gruppo Inventa f'Malta. Hi ma kinitx taħdem fit-taqsima tal-loġistika.

- Il-kitba fuq id-dokument a fol. 27 ma kinitx tagħha għax hi lanqas ma kienet taħdem fis-*sales*. Skont il-memorja tagħha, il-firma fuq il-kuntratt kienet tal-klijent meta għamel l-ordni u mhux meta saret il-konsenja.

- Hi rat l-*e-mail* tal-konvenut tat-18 ta' April 2016 u ikkonfermat li rċevietu iżda dan ma kienx l-aħħar *e-mail* tiegħu b'risposta għall-proposta tagħha. Wara dak, saru diversi tentattivi sabiex il-konvenut jirritorna s-sodda u l-*pouffe* iżda kien kollu għal xejn.

Fis-seduta tas-7 ta' Jannar 2019 xehed il-konvenut minn jeddu in kontro-eżami. Bil-Malti u taħt ġurament, hu xehed hekk:

- Hu ċaħad li kien debitur tas-soċjetà attriċi fis-somma mitluba u spjega li f'Settembru 2014 hu mar għand Gruppo Inventa fi Sqallija biex jixtri kamra tas-sodda kompluta. Kien mar mal-mara tiegħu u għażlu l-kulur u t-tip ta' materjal. Dan kien *linen* kannella skur. Fi Sqallija, huma kellmu lil Angela Pallavicino u lis-sid, ċertu Emanuele. Fil-fatt, kienet Pallavicino li niżżlet id-deskrizzjonijiet fil-kuntratt. Fi Sqallija, il-konvenut ħallas id-depożitu ta' elfejn u sitt mitt Ewro (€2,600.00).

- Is-soċjetà attriċi aċċettat li tħalli tlett elef Ewro pendenti billi meta għamlu d-*delivery* irriżulta li kien hemm żewġ affarjiet mhux skont l-ordni oriġinali. Said qal li s-soċjetà attriċi aċċettat li titħallas meta l-kulur ikun korrett. Saret referenza għad-dokument "SS1".

- Ix-xhud ordna *linen* kannella skur filwaqt li dak li wasal ma kienx *linen* u kien kannella ċar ħafna. Ix-xhud ikkonferma li d-dokument "SS2" jindika l-kulur li fil-fatt wasallu.

- Ix-xhud qal li s-soċjetà attriċi qalulu jżomm l-oġġetti sakemm jikkonsenjawlu l-oġġetti bil-kulur korrett. B'referenza għal *e-mails* skambjati (a fol. 40), ix-xhud qal li billi r-ritratti kienu *black and white*, kien diffiċli li wieħed jaċċerta l-kuluri relattivi.

- Ix-xhud ippreċiża li t-tieni konsenja kienet differenti mill-ewwel konsenja fis-sens li kkoreġew il-materjal iżda xorta waħda l-kulur kien zbaljat. Fl-ewwel konsenja kemm il-materjal kif ukoll il-kulur kienu żbaljati. Fil-bidu, il-kulur mogħti lill-konvenut kien "*greyish green*" (dokument "SS4").

- Ix-xhud irċieva telefonata mingħand Emanuele, sid ta' Gruppo Inventa, u pprova jikkonvinċih iżomm dik is-sodda u l-*pouffe*. Fil-frattemp ċempillu wkoll Mark Caruana, li iżda qatt ma ltaqa' mal-konvenut. Caruana tah x'jifhem li kien ser inaqqas il-prezz iżda l-konvenut ried dak li ordna u kien ippreparat li jħallashom.

- Iż-żewġ proposti ta' Sara Catania kienu jew li jikkanċella s-sodda u l-*pouffe* jew li jżommhom kif kienu. Ix-xhud qal li assolutament ma jaqbilx mal-kontenut tal-*e-mail* ta' Catania tal-15 ta' Jannar 2016.

Il-konvenut xehed in ri-eżami:

- Mitlub jiċċara jekk kienx debitur tas-soċjetà attriċi jew le, il-konvenut wieġeb li l-ftehim kien li t-tlett elef Ewro jkunu dovuti hekk kif l-ordni tiegħu rigward drapp u kulur ikunu sodisfatti. Għalhekk, billi ma kinux tawh l-affarjiet kif xtaq hu, ma kienx iqis ruħu debitur tas-soċjetà attriċi.

- Il-konvenut ma kienx jaf l-ismijiet tal-installatur u ta' min għamel id-*delivery* iżda qal li dawn ċemplu lil xi ħadd u din il-persuna fuq it-telefon qalet lill-konvenut li bilanċ seta' jibqa' pendenti. Ma kienx jaf lil min kellem fuq it-telefon.

- Rigward il-kuntratt u riċevuti, ix-xhud qal li hu ma ngħatax riċevuti iżda kien hemm xi indikazzjonijiet tad-depożitu mħallas fuq l-ordni.

- Ix-xhud għamel l-ordni ma' Angela Pallavicino ta' Gruppo Inventa u meta s-sodda waslet biex tkun armata, ix-xhud qal lill-installatur li l-ordni kienet żbaljata imbagħad saret id-diskursata fuq it-telefon li saret referenza għaliha iktar kmieni.

- Mistoqsi għaliex ma rritornax is-sodda, ix-xhud wieġeb li hu ordna kamra tas-sodda kompluta u ried kamra tas-sodda kompluta.

- Ix-xhud hawn xehed li ma kellux riċevuta fiżika tal-ammonti li huwa ħallas.

- Ix-xhud kompla jgħid li huwa ħallas id-depożitu lil Angela Pallavicino fi Sqallija u mbagħad ħallas tlett elef Ewro u elfejn Ewro meta saret id-*delivery*. B'kollox, huwa ħallas sebat elef u sitt mitt Ewro (€7.600.00).

Fis-seduta tat-13 ta’ Frar 2019 xehdet **Liana Borg** in kontro-eżami.

- Is-soċjetà attriċi tordna l-affarjiet mingħand Gruppo Inventa u tuża xi faċilitajiet tagħhom. Għandhom biss relazzjoni ta’ xogħol.

- Dakinhar li saret l-ordni, Borg ma kinitx ħdejn il-konvenut.

- Angela Pallavicino m’hix impjegata tas-soċjetà attriċi.

- Il-kampjuni ntwerew lill-konvenut f’Pozzallo. Din kienet materja ta’ proċedura u mhux xi ħaġa li Borg kienet tafha għax kienet preżenti meta ntwerew il-kampjuni. Dakinhar li ntwerew il-kampjuni, Pallavicino kienet qed titkellem mal-konvenut.

- Il-konvenut avviċina direttament lil Gruppo Inventa iżda fil-fatt, il-kuntratt sar bejn il-konvenut u s-soċjetà attriċi. *Delivery* u *after-sales* kienet inkarigata minnhom is-soċjetà attriċi.

- Ix-xhud ma setgħetx tippreċiża jekk f’Pozzallo kienx hemm uffiċċju li espliċitament jindika l-isem tas-soċjetà attriċi u qalet biss li hemm miktub “*Ufficio Malta*”. Nonostante, il-kuntratti jiġu ffirmati dak il-ħin u ċ-ċekkijiet indirizzati lis-soċjetà attriċi.

- Meta Angela Pallavicino, li m’hix impjegata tas-soċjetà attriċi, tagħmel xogħol għas-soċjetà attriċi rigward iffirmar ta’ kuntratti, hi tkun essenzjalment rappreżentant tas-soċjetà attriċi.

- Meta daħal l-ilment tal-konvenut kienet involuta Sara Catania għax kienu Gruppo Inventa li kellhom jaraw il-kulur kif kien ordnat.

- Ix-xhud spjegat li essenzjalment, il-klijent jordna mingħand kumpanija jisimha “Tomasella”. Is-soċjetà attriċi tordna mingħand Gruppo Inventa u Gruppo Inventa jordnaw skont il-bżonn. Nonostante, ix-xhud reġgħet ikkonfermat li l-konvenut għamel l-ordni fiżikament fil-binja ta’ Gruppo Inventa quddiem Angela Pallavicino u ffirma kuntratt mas-soċjetà attriċi. Sara Catania tirrappreżenta lil Gruppo Inventa.

Fit-13 ta’ Frar 2019 xehed **Emanuele Iemmolo** in kontro-eżami.

- Hu kien l-uniku amministratur ta’ Gruppo Inventa u ma jiftakarx kienx preżenti dakinhar li l-konvenut għamel l-ordni f’Pozzallo. Imorru ħafna Maltin u fl-aħħar tal-ġurnata hu jmur jara x’ġara u ma ġarax u jara min għamel kuntratt mas-soċjetà attriċi.

- Ix-xhud iċċara li dan hu dak li jiġri ġeneralment.

- Meta tinqala’ xi problema teknika, ix-xhud iwettaq il-verifiki biex jara x’tip ta’ problema hi u f’dan il-każ, il-problema kienetbiss il-kulur. Iemmolo qal li hu spjega lill-konvenut li jista’ jkun hemm xi ftit varjazzjoni żgħira fit-tonalità bejn il-kampjun u l-prodott eventwalment ikkonsenjat.

- Ix-xhud reġa’ ikkonferma li l-problema kienet fil-kulur u t-tonalità u ċaħad li kienet problema ta’ differenzi fil-materjal jew tessut.

- Iemmolo qal li l-konvenut ordna għat-tieni darba soda u *pouffe* li ġiet ikkonsenjata. It-tieni konsenja kienet preċiżament skont il-kampjun.

- Ix-xhud qal li din mhux kwistjoni ta' kulur, iżda ta' tonalità (*shade*) tal-kulur.
- Mistoqsi dwar il-kampjuni tat-tessut a fol. 27 jekk kienx minnu li fl-ewwel konsenja kien hemm lewn *beige* ċaru fit-tieni konsenja kienx hemm id-drapp skur indikat, ix-xhud wieġeb li ma setax jiftakar.
- Sa fejn seta' jiftakar ix-xhud taħt ġurament, il-problema kienet biss waħda ta' kulur.
- Sara Catania u Angela Pallavicino kienu impjegati ta' Gruppo Inventa u għadhom impjegati.
- Rigward riċevuti, Iemmolo qal li hu ma kellux kopji iżda s-soċjetà attriċi kellha r-riċevuti.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

***<u>i. L-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni</u>***

Il-konvenut eċċepixxa l-preskrizzjoni *ai termini* tal-Art. 2148 tal-Kodiċi Ċivili. It-Tribunal josserva li għalkemm dan ma speċifikax il-paragrafu tal-artikolu, huwa ċar li r-referenza għall-bejgħ bl-imnut tqiegħed l-eċċezzjoni fil-parametri tal-Art. 2148(b).

Il-konvenut sejjes l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni fuq l-Art. 2148(b) tal-Kodiċi Ċivili. Dan l-artikolu jgħid hekk:

*"**2148.** L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' tmintax-il xahar:*

*(b) l-azzjonijiet ta' kredituri għall-prezz ta' merkanzija, oġġetti jew ħwejjeġ oħra mobbli, mibjugħa bl-imnut.*"

It-Tribunal osserva wkoll li l-Art. 2160(1) tal-Kodiċi Ċivili jgħid hekk:

"***2160.** (1) Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, ma jagħtux ġurament minn jeddhom waqt il-kawża li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa.*"

Saru emendi f'dawn iż-żewġ artikoli permezz tal-Att I tal-2017. Minn dan l-Att, jista' jiġi osservat li qabel din l-emenda, l-Art. 2160(1) kien jaqra hekk: "*Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, meta jingħata lilhom il-ġurament, ma jistqarrux li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa.*"

Il-Qorti tal-Appell (Inferjuri), fis-sentenza ***Bottega Del Marmista Limited vs. Paul Mifsud pro et*** (deċiża fis-26 ta' Jannar 2018, qalet hekk:

"*Imbaghad fis-seduta tal-25 ta' Jannar, 2017 il-konvenuti xehdu li m'ghandhomx jaghtu lis-socjeta attrici (fol. 38 u 39). Pero' dan ma kienx kaz fejn il-konvenuti nghataw il-gurament decizorju izda fejn huma* ***xehdu minn jeddhom****. Ghalhekk ma jistghux jigu applikati l-principji tal-gurament decizorju. Il-qorti zzid li bl-Att 1 tal-2017, li dahal fis-sehh fit-13 ta' Jannar, 2017, saret emenda kardinali fl-Artikolu 2160 tal-Kodici Civili. Qabel dakinhar id-disposizzjoni kienet tikkontempla l-possibilta lill-attur li jaghti l-gurament decizorju lill-konvenut:*

> *"Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157 m'ghandhomx effett jekk il-partijiet li jeccepuhom,* ***meta jinghata lilhom il-gurament****, ma jistqarrux li mhumiex debituri, jew li ma jiftakarx jekk il-haga gietx imhallsa".*

*Bl-emenda li saret bl-Att 1 tal-2017 il-legislatur impona fuq il-konvenut l-obbligu li jiehu l-gurament u fin-nuqqas il-konvenut ma jkunx jista' jiehu beneficcju mill-preskrizzjonijiet qosra. Ovvjament, l-konsegwenzi legali li zviluppaw mill-gurisprudenza dwar il-gurament decizorju li ssemmew mill-ewwel qorti f'pagni 19 u 20 tas-sentenza, kienu japplikaw f'xenarju partikolari cjoe' meta l-attur jaghti l-gurament lill-konvenut. Fil-kaz in ezami l-konvenuti xehedu minn jeddhom. 'Il fatt li hi l-ligi li timponi fuq il-konvenut li jixhed biex ikun jista' jinvoka l-preskrizzjonijiet qosra, ma jbiddel xejn. Ghaldaqstant, illum irrispettivament x'jixhed il-konvenut* ***minn jeddu meta jiehu l-gurament kontemplat fl-artikolu 2160 tal-Kodici Civili****, l-attur ghandu kull dritt li jaghti prova li kien hemm interruzzjoni jew rinunzja ghall-preskrizzjoni. Din kienet wara kollox ukoll il-posizzjoni qabel l-emenda tal-artikolu 2160 tal-Kodici Civili meta l-konvenut kien jaghzel li jixhed minn jeddu.*"

Il-Prim' Awla sostniet dan il-punt meta fil-kawża ***P&S Limited et vs. Noel Zammit et***, deċiża fis-16 ta' Frar 2018, qalet hekk:

"*L-emendi ricenti ghall-artiklu 2160 tal-Kodici Civili bidlu parti mix-xenarju sa fejn jirrigwarda l-preskrizzjonijiet qosra jew partikulari. Qabel l-introduzzjoni ta' dawn l-emendi l-posizzjoni kienet li "Jekk l-attur jaghzel il-mezz tal-gurament, u l-konvenut ikun halef skond il-ligi, l-attur ma jkunx jista` jaghzel mezz iehor, billi meta l-kreditur jitlob li jinghata lid-debitur il-gurament, dan ifisser li hu qieghed jirritjieni bhala ammissibbli l-preskrizzjoni eccepita u li ma kienx hemm sospensjoni jew interruzzjoni taghha, u li jrid jipprova l-mezz estrem tad-dilazzjoni tal-gurament. B'dan il-mezz huwa jkun qieghed jirrimetti ruhu fil-kuxjenza tad-debitur" (****ara "Vincenzo Vella -vs- Carmela armla Sciberras", Qorti Civili, Prim` Awla, 16 ta` Jannar 1963*** *u* ***"Salvatore Jacono -vs- Vincenza vedova Serra", Appell Civili, 4 ta` Frar 1927****).*

*Din ix-xorta ta' duttrina illum ma jidhirx li ghadha applikabbli sa fejn jirrigwarda l-artiklu 2160 tal-Kodici Civili kif emendat. Dak li kien gurament decizorju, illum, mhux bil-fors baqa' decizorju. Jista' jkun li gie rez fi prova bhal kull prova ohra in sostenn jew in kontradittorju tal-pretensjoni fil-kawza.*

*Fl-ewwel lok, fejn qabel kien ikun il-kreditur li jirreferi l-gurament decizorju lid-debitur konvenut fil-kawza, is-sitwazzjoni llum hi, li galadarba eccepita l-preskrizzjoni brevi jew partikulari, huwa l-konvenut li jrid minn jeddu jghid bil-gurament waqt il-kawza, li ma jafx li hu debitur (ara artiklu 2160(1) tal-Kodici Civili). Ghalhekk il-figura passiva tieghu fil-ligi kif kienet qabel, giet sa certu punt, trasformata f'wahda attiva bil-ligi kif inhi llum. L-unika differenza li tezisti llum fl-artikolu in kwisjtoni, hija dik bejn djun ordinarji u dawk dovuti lill-Gvern kif imsemmija fil-proviso tal-artikolu 2156 tal-Kodici Civili. Fil-kaz ta' debiti imsemmija fil-proviso, id-debitur irid jaghti r-ragunijiet ghalfejn ma ghandux ihallas, mentri f'debiti ohrajn din il-kwalifika ma hiex mehtiega, anke, kif ser jinghad, il-kontro-ezami tad-debitur xorta jista' jsir.*

*Fit-tieni lok, kuntrarjament ghal kif kienet is-sitwazzjoni qabel l-emendi, illum, infetah bieb li minnu dahlet l-opportunita' ghall-Attur biex ikun jista' jaghmel il-kontro-ezami lill-Konvenut, bil-beneficcji kollha li tista' ggib maghha l-procedura tal-kontro-ezami. Qabel l-emendi tal-2017 il-posizzjoni kienet ghal kollox differenti. Il-posizzjoni kif kienet qabel hija kjarament spjegata fis-****Sentenza tal-Prim Awla Qorti Civili per Imhallef J. Caruana Colombo fl-ismijiet Vincenzo Vella -vs- Carmela Sciberras tas-16 ta' Jannar 1963*** *fejn intqal hekk:-*

> *" ... … imma jekk l-attur jaghzel il-mezz tal-gurament, dan ifisser illi hu qieghed jirritjeni bhala ammissibbli l-eccezzjoni eccepita u li ma kienx hemm ebda interruzzjoni jew sospensjoni taghha u jrid jipprova l-mezz estrem tad-dilazzjoni tal-gurament. B'dan il-mezz ikun qieghed jirrimetti ruhu fil-kuxjenza tad-debitur. U malli jahlef skont il-ligi, fuq talba tal-kreditur, il-mezz ta' difiża, konsistenti fil-preskrizzjoni, isir perfett."*

*Jista' jkun il-kaz li llum, certu preskrizzjonijiet brevi u partikulari, ma baqghux effikaci proceduralment daqs kemm kienu qabel l-emendi. Ghalkemm huwa minnu li l-Istitut tal-preskrizzjoni dejjem holoq kontroversja*

*morali u etika ghax il-prova tkun qed tigi rimessa lill-"foro conscientiae" tal-individwu. Izda minn naha l-ohra, huwa ukoll principju importanti, li min jippretendi li ghandu dritt, jrid jiehu kura tieghu billi jezercitah fi zmien ragjonevoli. It-termini ta' zmien fil-procedura, huma mahsuba li jaffermaw ic-certezza tad-dritt mhux biss ghall-kreditur izda ukoll ghad-debitur, altrimenti dan tal-ahhar jista' jibqa' indefinittivament passibbli ghall-proceduri, haga li ma hiex konsentita mill-ligi naturali. Il-ligi thares lejn il-moghdija ta' zmien, skont ic-cirkostanzi tal-kaz, bhala fattur naturali li jgib fix-xejn l-ezercizzju tad-dritt bl-akkwizizzjoni tieghu mit-terz jew l-estinzjoni tieghu.*"

Jidher għalhekk ċar li sabiex japplika l-Art. 2160, jiġifieri sabiex il-preskrizzjoni *ai termini* tal-Art. 2148 <u>ma tapplikax</u>, l-eċċipjenti jrid, <u>minn jeddu</u>, <u>waqt il-kawża</u>, jgħid taħt ġurament li hu mhux debitur jew li ma jiftakarx jekk il-ħaġa ġietx imħallsa. Għalhekk id-domanda issa trid tkun jekk il-konvenut qattx ħa xi ġurament ta' dan it-tip.

F'dan il-każ, il-konvenut ċertament kien jaf li kellu jagħti l-ammont mitlub lis-soċjetà attriċi. Fil-fatt, hu xehed ben ċar li hu kien ser iħallashom dan l-ammont meta l-kwistjoni dwar il-kulur tkun solvuta. It-Tribunal iħoss li hija partikolarment relevanti x-xhieda tal-konvenut a fol. 75 meta hu xehed hekk: "*Il-ftehim kien illi t-tlett elef ikunu dovuti meta jinbidel according to my order. Allura till this second I am not a debtor.*"

Mix-xhieda tiegħu, il-konvenut jaf li huwa debitur iżda <u>jħoss</u> li minħabba ċ-ċirkostanzi, l-ammont mhux dovut.

L-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mqajma tirrigwarda l-bejgħ bl-imnut. Fis-sentenza ***<u>Pace Associates Limited vs. Drawing Techniques Limited</u>***, deċiża fis-7 ta' Diċembru 2005, il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) qalet:

"*Ghall-finijiet tal-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar taht l-Artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili jinsab ritenut illi fil-kaz ta' bejgh "bl-imnut" huma kontemplati dawk kollha, kummercjanti jew le, li jbieghu oggetti ta' konsum gjornaljier, tant lil min hu kummercjant kemm lil min mhux. Dan ifisser li fl-Artikolu 2148 (b) il-ligi taghna tipprexxindi mill-kwalita` tal-persuni u anzi ma tharesx lejn dik li tista' tkun abitwalment il-professjoni tan-negozjant imma thares lejn il-vendita partikulari in kwestjoni per se.*

*L-istess gurisprudenza tistabbilixxi mbaghad il-kriterju distintiv fundamentali bejn bejgh bl-imnut u bejgh bl-ingrossa billi tafferma illi fejn il-prezz reklamat huwa ghall-merce destinata biex dik tigi rivenduta jew manifatturata f' opra jew fejn wiehed ibiegh lil persuni li jinnegozjaw fil-merce mibjugha u dan fi kwantita apprezzabbli, allura l-bejgh hu wiehed bl-ingrossa. Ghalhekk il-grossista jbiegh l-iktar lil dawk li jinnegozjaw fl-oggett mixtri mentri l-imnutant ibiegh lil xerrejja fi kwantitajiet zghar skond il-bzonnijiet taghhom. Fl-ewwel kaz il-kreditu hu soggett ghall-preskrizzjoni kwinkwennali stabbilita` fl-Artikolu 2156 (f), fil-kaz tat-tieni, ghall-preskizzjoni ta' tmintax-il xahar kif provvdut fl-Artikolu 2148 (b);*

*In-natura ta' bejgh bl-ingrossa ma tikkonvertix ruhha f'bejgh bl-imnut minhabba l-fatt li l-konsenja ta' l-oggetti ma ssirx f'daqqa, imma huwa n-negozju globali li jiddetermina taht liema kategorija ghandu jigi klassfikat il-bejgh.*"

Fis-sentenza ***<u>Gaetano Abdilla et vs. Sebastian Dalli et</u>***, deċiża mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fl-4 ta' Novembru 2005, intqal:

"*Il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni a tenur ta' l-Artikolu 2148(b) hija applikabbli ghall-krediti ta' merkanzija mibjugha bl-imnut ossia bid-dettal.*

*L-eccezzjoni sollevata necessarjament tehtieg li ssir distinzjoni bejn bejgh bl-imnut, li huwa preskrivibbli bid-dekors ta' tmintax-il xahar, u bejgh bl-ingrossa, preskrivibbli bid-dekors ta' hames snin.*

*Il-ligi ma tiddistingwix bejn bejgh bl-imnut u bejgh bl-ingrossa izda l-kriterju distintiv huwa li l-grossista jbiegh l-aktar lil negozjanti ohra filwaqt li d-dettaljatur ibiegh lill-konsumaturi fi kwantitajiet zghar dettati mill-bzonn li jkollhom.*"

In linea ma' dan, it-Tribunal huwa konvint li l-bejgħ mertu ta' din l-azzjoni huwa fil-fatt bejgħ bl-imnut u l-Art. 2148(b) tal-Kap. 16 huwa l-artikolu applikabbli.

Il-kuntratt bejn il-partijiet seħħ fit-2 ta' Ġunju 2015. Għalhekk, sabiex il-preskrizzjoni tkun interrotta, kellha ssir interpellazzjonijiet fi żmien tmintax-il-xahar. Jirriżulta li l-ewwel interpellazzjoni saret permezz tal-ittra uffiċjali (166A) ippreżentata fil-31 ta' Awwissu 2017 (vera kopja esebita a fol. 43). Din l-ewwel interpellazzjoni saret <u>iktar minn sitta u għoxrin (26) xahar</u> wara l-kuntratt tat-2 ta' Ġunju 2015. Fit-31 ta' Awwissu 2017 ġie ippreżentat ukoll mandat ta' sekwestru kawtelatorju (allegat a fol. 47 *et seq.*). Dan, iżda, ma jbiddel xejn mill-fatt li l-interpellazzjoni saret iktar minn sitta u għoxrin (26) xahar wara l-kuntratt tat-2 ta' Ġunju 2015.

Għalhekk, hija l-fehma tat-Tribunal li t-talba tas-soċjetà attriċi hija preskritta *ai termini* tal-Art. 2148(b) tal-Kodiċi Ċivili.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut u jiddikjara l-azzjoni attriċi preskritta kif spjegat u għal din ir-raġuni, jiċħad it-talbiet kollha tas-soċjetà attriċi.

Fid-dawl ta' dan, it-Tribunal jastjeni milli jieħu konjizzjoni tal-eċċezzjonijiet l-oħrajn kollha tal-konvenut.

It-Tribunal jordna li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mis-soċjetà attriċi.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**